MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2007

Numru 932/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**
**(Spettur Carmelo Abdilla)**

**vs**

**RUSSELL SCHEMBRI**
**LYDON GRAVINA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Russell Schembri ta’ 18-il sena, iben Raymond u Silvana nee’ Pace, imwieled fit-18 ta’ Settembru 1987, u residenti Flat 6 Regional Court, Triq il-Punent, Msida. ID 437487M.

Lydon Gravina ta' 17-il sena, iben John u Josette nee' Sultana, imwieled 5 ta' Mejju 1989 Pieta, u residenti Flat 6 Binja F. Sceberras, Ent C, Pjazza Filippo Sceberras, Floriana. ID 208289M gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer:

Nhar is-28 ta' Awissu 2006, f'xi hin bejn it-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar (15.30hrs) u l-erbgha ta' wara nofs in-nhar (16.00hrs), minn gewwa l-lukanda Hilton Hotel, Triq Ross, San Giljan, ikkommettew serq ta' zewg arloggi tal-marka Raymond Weil, Lm70 fi flus kontanti, EU40 fi flus kontanti u dokumenti ohra, liema serq jeccedi l-Lm100 izda inqas minn Lm1000, ghad-dannu ta' Dennis Rudge u Mary Catherine Rudge ta' nazzjonalita' Irlandiza, liema serq huwa aggravat bil-'valur', u dan bi ksur ta' Artikolu, 267, ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-31 ta' Awissu 2006, f'xi hin bejn it-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar (15.30hrs) u l-erbgha ta' wara nofs in-nhar (16.00hrs), minn gewwa l-fond Room 102, Sprache Cafe', Triq Alamein, Pembroke, ikkommettew serq ta' telfon cellulari tal-marka Samsung u digital camera tal-marka Samsung, liema serq jeccedi l-Lm100 izda inqas minn Lm1000, ghad-dannu ta' Sofia Righetti ta' nazzjonalita' Taljana, liema serq huwa aggravat bil-'mezz', 'valur' u bil-'lok', u dan bi ksur ta' Artikoli, 263, 267, 269 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli kisru ordni tal-Qorti li ma jaghmlux reat iehor, liema sentenza giet moghtija nhar is-26 ta' Lulju 2006, liema sentenza hija deffinitiva u ma tistax tinbidel;

Il-ko-imputat Russell Schembri wahdu huwa akkuzat talli nhar l-10 ta' Awissu 2006, ghal habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija (18.45hrs), minn gewwa l-Bajja ta' San Gorg, ikkometta serq ta' basket tal-marka Nike, par zarbun tal-marka Addidas, u nuccali, liema serq ma jeccedix il-mitt Lira Maltin (Lm100), ghad-dannu ta' Pier Luigi Avanzi, u dan bi ksur ta' Artikolu, 284 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-23 ta' April, 2007 u nnutat li fis-Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007, l-imputati, wara li gew mistoqsija jekk ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u wara li nghataw zmien xieraq biex jirrispondu, ddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok tirrileva li din il-kawza kienet precedentement qeghda tinstema' mill-Magistrat illum Magistrat Irtirat Dr. Joseph Cassar LL.D. u li din il-kawza giet assenjata din is-sena quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Innutat ukoll li l-imputati fis-Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007, fl-ezami taghhom wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Inoltre innutat li fis-Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007, l-imputati, fil-presenza tal-avukat difensur taghhom, ikkonfermaw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat ukoll li fis-Seduta tat-23 ta' Lulju, 2007, Dr Joseph Giglio ghall-imputati iddikjara li l-ammissjoni tal-imputati ghall-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom maghmula fl-

ezami taghhom fis-Seduta tat-23 ta’ Marzu, 2007, u dan qabel l-Avukat Generali baghat l-artikoli permezz tan-Nota tieghu datata 23 ta’ April, 2007, dina l-ammissjoni qeghda tigi modifikata fis-sens illi hija ammissjoni ghall-akkuzi skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali permezz tal-imsemmija Nota tieghu datata 23 ta’ April, 2007, ghajr ghall-applikazzjoni tal-artikoli 49, 50 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre innutat li fil-Verbal tal-istess Seduta tat-23 ta’ Lulju, 2007 l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Martin Sammut u Dr Joseph Giglio ghall-imputati iddikjaraw li qeghdin jaqblu illi nkwantu ghat-tielet akkuza li tirrigwarda l-ksur ta’ ordni tal-Qorti b’Sentenza moghtija fis-26 ta’ Lulju, 2006, u dan fil-konfront taz-zewg imputati, illi stante li fl-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 23 ta’ April, 2007, dan ma tahx l-artikoli li jirrigwardaw din it-tielet akkuza u minflok taha l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, liema zewg artikoli li jirrigwardaw ir-recidiva mhux applikabbli fil-kaz odiern stante li f’din is-Sentenza tas-26 ta’ Lulju, 2006, l-imputati kienu gew trattati taht l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, li dan ma jaqax taht l-artikoli tar-recidiva u ghaldaqstant issottomettew lil din il-Qorti li m’ghandhix tiehu konjizzjoni tal-imsemmija tielet akkuza migjuba mill-Pulizija fil-konfront taz-zewg imputati u lanqas ghandha tiehu konjizzjoni tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta moghtija mill-Avukat Generali. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Martin Sammut u Dr Joseph Giglio ghall-imputati iddikjaraw li jaqblu li meta sehhew ir-reati, inkwantu l-imputat Lydon Gravina, dan l-imputat kien ghadu taht l-eta’ ta’ 18-il sena.

Innutat ukoll li fil-Verbal tal-istess Seduta tat-23 ta’ Lulju, 2007, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Martin Sammut iddikjara li b’referenza ghall-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali moghti mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-23 ta’ April, 2007, f’dan il-kaz ma kienx hemm spejjez inkorsi a tenur ta’ dan l-artikolu u ghaldaqstant il-Qorti ghandha tastjeni milli taghti Provvediment a tenur tal-imsemmi artikolu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Russell Schembri l-artikoli 18, 261(b), (c), (e), 267, 263, 269, 278, 279 u 284 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Lydon Gravina l-artikoli 18, 37, 261(b), (c), (e), 267, 263, 269, 278 u 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Russell Schembri, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza, tat-tieni akkuza u tar-raba' akkuza, liema raba' akkuza ingiebet biss fil-konfront tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-eta' tenera tal-imputat, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-istess imputat Russell Schembri ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza inkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Russell Schembri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Issib lill-imputat Lydon Gravina, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u tat-tieni akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-fatt li fil-kaz ta' dan l-imputat japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-istess imputat Lydon Gravina ghall-piena komplessiva ta' erbatax (14)-il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza inkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Lydon Gravina jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Rigward it-tielet akkuza migjuba fil-konfront taz-zewg imputati li tirrigwarda ksur ta' ordni tal-Qorti b'Sentenza moghtija fis-26 ta' Lulju, 2006, fid-dawl ta' dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Martin Sammut u Dr Joseph Giglio ghall-imputati rigward din l-akkuza (ara aktar qabel f'din is-Sentenza), u tenut kont il-fatt li effettivament jirrizulta mill-atti tal-kawza illi l-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 23 ta' April, 2007, dan ma tax l-artikoli li jirrigwardaw din it-tielet akkuza, u minflok taha l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, liema

zewg artikoli li jirrigwardaw ir-recidiva mhux applikabbli fil-kaz odiern, stante li fis-Sentenza tas-26 ta' Lulju, 2006 l-imputati kienu gew trattati taht l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li dan ma jaqax taht l-artikolu tar-recidiva, ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza migjuba mill-Pulizija fil- konfront taz-zewg imputati u inoltre tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali moghtija mill-Avukat Generali fl-isemmija Nota tat-23 ta' April, 2007.

Inoltre il-Qorti, fid-dawl ta' dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Martin Sammut b'referenza ghall-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali moghti mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-23 ta' April, 2007 (ara aktar qabel f'din is-Sentenza), il-Qorti tastjeni milli taghti Provvediment a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Russell Schembri u Lydon Gravina l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------